MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 8/2010

Mangion & Lightfoot Ltd. (C22032)

vs

Magro Brothers (foods) Ltd. (C29020)

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-24 ta' Frar 2010, li jaqra hekk :-

'Is-socjeta' konvenuta ghandha thallas is-somma ta' €1,759.16 oltre l-imghax legali rapprezentanti xoghol ta' disinjar ta' labels fuq ordni ta' l-istess socjeta' konvenuta, liema xoghol gie debitament konsenjat mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ifficjali 312/09 datata 20 ta' April 2009.' ;

Is-socjeta’ konvenuta Magro Brothers (Foods) Ltd. permezz tar-risposta taghha prezentata fil-15 ta’ Marzu 2010, eccepiet :-

‘It-talbiet attrici, hekk kif dedotti kontra s-socjeta’ konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fost l-ohrajn is-socjeta’ attrici qatt ma giet inkarigata mis-socjeta’ konvenuta ghax-xoghol meritu tal-vertenza odjerna, u hija qatt ma rceviet tali xoghol.’ ;

Sama’ l-provi tal-partijiet ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din hi kawza ta’ reklam semplici ta’ hlas ta’ kreditu ghal servizzi ta’ disinjar ta’ tikketti ghal prodott gdid ta’ frott ipprocessat fl-alcohol li kellu johrog ghall-bejgh fis-suq fir-Renju Unit taht il-markju tal-prodotti maghrufin bl-isem ta’ ‘Occasions’. Irrizulta mill-provi li l-produzzjoni ta’ dan il-prodott kienet ta’ kumpannija estera Clark Foods Limited, li hija kumpannija registrata fir-Renju Unit. Il-pern tal-kwistjoni kollha huwa jekk l-ordni ghal dan id-disinn saritx mis-socjeta’ konvenuta jew jekk saritx minn din il-kumpannija estera u a beneficcju taghha. Ix-xhieda ewlenin f’din il-kwistjoni kienu Matthew Mangion u John Magro, li dan it-Tribunal iqishom ukoll li kienu protagonisti f’din il-kwistjoni, u hija fuq ix-xhieda ta’ dawn it-tnejn li dan it-Tribunal sejjer  jezamina l-provi kompilati ;

M’hemmx kontestazzjoni li s-socjeta’ attrici kellha nkarigu li taghmel dan id-disinn ghal dan il-prodott il-gdid. L-ordni partikolari li wasslet ghall-vertenza meritu fil-kawza ma kenitx l-ewwel u l-unika ordni li kienet saritilha lis-socjeta’ attrici. Jirrizulta li kiener saret ordni darb’ohra ghal disinn ta’ tiketti ghal prodotti ohra ta’ *conserves and marmalades* taht l-istess markju jew isem tal-prodott, u li l-prezz ghall-prestazzjoni ta’ dan is-servizz kien gie saldat mis-socjeta’ konvenuta, pero’ l-fatt li l-ewwel ordni li saret lis-socjeta’

attrici kienet giet saldata mis-socjeta’ konvenuta mhix prova bizzejjed li ghandha twassal lil dan it-Tribunal jghaggel jaqbez ghall-konkluzjoni billi jzomm responsabbli ghall-hlas tat-tieni ordni lilha wkoll ;

Filwaqt li kien l-obbligu tas-socjeta’ attrici li tipprova li sar ix-xoghol u li ta’ dan ix-xoghol trid tithallas is-somma li qed tigi reklamata, l-obbligu tas-socjeta’ konvenuta kien li tipprova li dan ix-xoghol ma sarx fuq inkarigu taghha, fi kliem iehor li x-xoghol m’ordnatux hi. Ghal din l-eccezzjoni s-socjeta’ konvenuta htigilha tiddimostra, u wkoll tiddizimpenja ruhha bi provi adegwati, illi hi ma kenitx il-persuna li kellha tirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex ma kienitx hi li dahlet f’ebda rapport negozjali mas-socjeta’ attrici ghax il-kontrattazzjoni saret mhux maghha izda ma’ kumpanija ohra u fl-interess ta’ din il-kumpannija l-ohra, u cioe’ Clark Foods Limited. Mhux dan biss pero`. Hi kellha tipprova wkoll illi fil-mument meta sar in-negozju s-socjeta’ attrici, li maghha kienu gew pjazzati l-ordnijiet, kienet a konoxxenza tal-fatt illi min pogga l-ordnijiet maghha u min maghha kkonkluda n-negozju kien qieghed f’dak il-mument jagixxi in rapprezentanza mhux tas-socjeta` konvenuta jew ta’ xi kumpannija ohra ta’ Magro Group, izda ghal u fl-interess tas-socjeta’ estera Clark Foods Limited. Inghad li hu ‘dak il-mument li kien rilevanti u kien f’dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b’mod car u univoku illi f’dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f’ismu imma f’isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura ruhhu li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f’dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta. [ara, **Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice**, Appell, 6 ta’ Ottubru, 1999; **John Vella noe vs Anthony Vella et**, Appell, 3 ta’ Dicembru, 1999] ;

Fid-dawl tal-gurisprudenza li ghaliha qed jaghmel riferenza dan it-Tribunal, il-principju generali hu li biex persuna li qeghda tikkontratta ma torbotx lilha nnifsiha, huwa mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeghda tikkontratta ghal

haddiehor. Jekk ma ndikatx dan espressament, almenu jrid ikun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi dik il-persuna qeghda tikkontratta f'isem haddiehor [ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet **Zammit vs Rev. N.Okereke**, deciza fit-13 ta' Lulju 1991, u sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **E. Borg et noe vs R. Schembri**, deciza fit-28 ta' Mejju, 1973] ;

Jirrizulta mix-xhieda ta' John Magro, ic-chairman tal-Magro Group li taht il-kappa ta' dan il-grupp ta' kumpanniji taqa' s-socjeta' konvenuta, li l-ordni ghad-disinn tat-tikketti ma saritx mis-socjeta' tieghu, izda hu kien semplicement qed jagixxi fuq struzzjonijiet ta' Bob Clarke li huwa l-proprjetarju tal-kumpannija estera Clark Foods Limited, wara li kien hu stess li kien laqqa' fl-ufficcju tieghu lil Matthew Mangion ma' Bob Clark u kien introducihom flimkien dwar servizzi ta' disinni li l-kumpannija ta' Bob Clark riedet li taghmel ghall-prodotti l-godda taghha, u li kien l-istess John Magro li kien irrakomanda s-servizzi tal-kumpannija ta' Matthew Mangion lil Bob Clark. Dwar din il-laqgha li saret bejn Bob Clark u Matthew Mangion, dan tal-ahhar la ghamel ebda riferenza ghaliha fix-xhieda tieghu, u lanqas ma meriha jew innega li saret din il-laqgha fil-prezenza ta' John Magro; haga li seta' ghamilha bix-xhieda tieghu jew talab konfront ma' John Magro ;

Il-korrispondenza elettronika markata dokument MM11 a fol.22 tal-process tikkorrobora l-verzjoni li ta John Magro tal-fatti, u li l-kumpannija tieghu kienet qed tagixxi fuq struzzjonijiet specifici ta' Bob Clark, u kienet qeghdha semplicement tikkomunika l-ordnijiet ta' dan Bob Clark lis-socjeta' attrici. Dan almenu sa fejn tirrigwarda l-ordni li tifforma l-meritu tal-vertenza odjerna. Fi ftit kliem il-kumpannija ta' Magro Brothers kienet qed tagixxi bhal speci ta' messaggier biex twassal l-ordnijiet tas-socjeta' estera Clark Foods Limited. Fil-fatt lanqas ma jirrizulta mill-atti li d-dokument MM20 a fol.58, u cioe' l-*proposal acceptance for a brand development and label designs for a new range of fruit products* qatt giet iffirmata la mis-socjeta' konvenuta u lanqas minn ebda kumpannija ohra ta' Magro Group. Li kieku kien il-kaz li dan kien gie iffirmat

mis-socjeta’ konvenuta, is-socjeta’ attrici kienet tipprezenta kopja tad-dokument iffirmat ;

Wara li fela l-provi kollha dan it-Tribunal huwa moralment soddisfatt li s-socjeta’ konvenuta rnexxhiela tiskossa dak li sostniet is-socjeta’ attrici, u cioe’ li x-xoghol li tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas ma sarx fuq inkarigu taghha, u kwindi l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta timmerita li tigi milqugha ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, jichad it-talba tas-socjeta’ attrici in kwantu t-talba giet diretta kontra s-socjeta’ konvenuta. Dan bla pregudizzju ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici fil-konfront tas-socjeta’ estera Clark Foods Limited ghall-hlas ta’ dan il-kreditu *si et quatenus*.

Spejjez a karigu tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------